Minuti Laqgħa Numru 29 tal-Kunsill Lokali Qala

Il-Ħamis, 11 ta' Marzu 2021.

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa' *online* permezz ta' "*Zoom*", fis-6:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Paul Buttigieg – Sindku
Ivan Cefai – Viċi Sindku
Karl Buttigieg – Kunsillier
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak – Kunsillier

Uffiċjal Preżenti:
Lorne Cremona - Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Paul Buttigieg ippresieda l-laqgħa.

**29.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji**
Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija

**29.2 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti**

29.2.1 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg talab li fil-minuti tal-laqgħa numru 27 jiżdied paragrafu dwar il-proġett "Greening Urban Areas" li ghandu valur ta' €30,000. Fil-laqgħa numru 27 l-imsemmi Kunsillier semma li jekk ma jsirx xi ħaġa fuqu hemm periklu li jintilfu fondi. It-tender intrebah mill-ELC, u l-Bord ta' Evalwazzjoni kellu jiġi kkonsultat ħalli naraw x'passi iridu jsiru biex tinħareġ il-*Letter of Acceptance* mill-aktar fis.

29.2.2 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg talab li tiżdied is-segwenti sentenza f'punt numru 27.9.10: "Il-Kunsillier Joseph buttigieg talab lill-Kunsill biex dan is-suġġett jiġi diskuss darb'oħra ħalli jilħaq jara x'inhu jsir f'lokalitajiet oħrajn."

**29.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

29.3.1 Is-Sindku Paul Buttigieg informa lill-Kunsill li is-Segretarja Ezekuttiva ħarġet bis-*sick leave* nhar l-4 ta' Jannar, u damet barra għal xahrejn. Wara dan il-Kunsill ġie mgħarraf li l-istess Segretarja Ezekuttiva applikat u ħarġet b' *unpaid parental leave* sal-bidu ta' Settembru. Ħa l-okkażjoni biex jilqa' lil Lorne Cremona bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv.

29.3.2 Il-Kunsilliera ġew infurmati li bħalissa hemm erbgħa studenti tal-MCAST li qed jiġu kull nhar ta' Sibt ġol-uffiċċju Amministrattiv taħt skema ta' *work exposure* organizzata mill-istituzzjoni edukattiva tagħhom. Dawn bħalissa ġew mogħtija ir-responsabiltà li jagħmlu *indexing* tal-files li hemm fl-uffiċini tas-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku; u il-frott ta' xogħolom diġa' qiegħed jissarraf f'ħafna ħin iffrankat.

29.3.3 Is-Sindku semma li is-siġġijiet tal-iskrivana u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv qdiemu, u li wasal iż-żmien li jinbidlu. Il-kunsilliera qablu ma dan.

29.3.4 Ġie imqajjem punt fuq is-*CCTV Camera* li hemm tħares eżatt fuq l-iskrivana. Is-Sindku qal li wara li ġie ikkonsultat id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali dwar dan, hu ġie infurmat li hu ksur ta' protezzjoni ta' data li jkollok *Camera* tħares direttament fuq impjegat.Għalhekk malli sar jaf b'dan, dawwru il-*camera* biex tħares lejn naħa oħra tal-uffiċju b'tali mod li nkunu qed inħarsu il-liġi.

29.3.5 Is-Sindku qal li ċ-ċavetta tal-letter box tal-Kunsill Lokali kienet f'idejn ħaddiem li la ma kien qiegħed jiftaħa kuljum, u lanqas ma kien qiegħed jirrispondi it-telephone meta jinduna li jkunu qed iċemplulu mill-Kunsill Lokali. Għalhekk hu ipproċeda biex jibdel il-letter box ma waħda ġdida, u ta ċ-ċwievet tagħha lill-iskrivana tal-Kunsill. Irrimarka li fix-xahar li l-letter box ilha li nbidlet, irċieva żewġ ittri ta' ringrazzjament indirizzati lilu personalment – ħaġa li qabel qatt ma seħħet kemm ilhu Sindku.

29.3.6 Is-Sindku qal li sar jaf li l-Cleaner kellha ordni biex ma ddumx iżjed minn siegħa tnaddaf fl-Uffiċċju Amministrattiv, u imbgħad tmur il-Mużew tal-Folk. Ix-xogħol wera li siegħa biss ma kienitx biżżejjed, u għalhekk hu talab lill-Cleaner biex iddum tnaddaf fl-Uffiċċju Amministrattiv skond kemm hu meħtieġ.

29.3.7 Is-Sindku informa lill-Kunsill li hu ġie mitlub mir-Reġjun jinnomina nies mir-raħal li jaħdmu l-bizzilla għal Proġett li għandu jsir f'Settembru jekk ic-ċirkustanzi ikunu jippermettu. Hu innomina lis-Sinjuri Frances Buttiġieġ u Angela Camilleri. Magħhom ser ikun qiegħed jattendi wkoll is-Sindku, in rappreżentanza tal-Kunsill.

29.3.8 Daħlu rapporti fil-Kunsill Lokali dwar problema ta' *Street Alignment* li inqalgħet fir-rigward ta' żewġ żviluppi fi Triq il-Wileġ u fuq żvilupp ieħor fi Triq in-Nadur. Is-Sindku spjega li waqt li s-soltu tinqata' linja bejn żewġ binjiet eżistenti, f'dawn il-każijiet l-applikanti jidher li qed jitħallew jibnu 'il barra minn binjiet eżistenti oħrajn. Is-Sindku f'isem il-Kunsill Lokali talab laqgħa urġenti fuq il-post mal-Awtorità tal-Ippjanar (PA) dwar dawn l-applikazzjonijiet, liema laqgħa suppost għanda ssir nhar it-Tlieta 16 ta' Marzu.

29.3.9 Is-Sindku irrapporta li hu, flimkien mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv il-ġimgħa ta' qabel kellhom laqgħa mal-PA dwar fondi imwarrba mill-istess PA li jistgħu jibbenefikaw minnhom il-Kunsilli Lokali. F'din l-istess laqgħa il-Kunsill Lokali ġie infurmati li l-PA ma għandhomx applikazzjonijiet għal fondi mill-Kunsill Lokali Qala quddiemom, u saret *screen sharing* tal-minuti mill-imsemmija laqgħa li tixhed dan. Is-Sindku qal li kien ilu xhur li talab lis-Segretarja Ezekuttiva biex tissottometti applikazzjoni għal *Playing Field* "Maġistrat Salvu Attard". Is-Sindku informa lill-Kunsill li din il-formola

-żewġ paġni kollox- issa għaddijha lill-Perit Godwin Sultana u dan għandu jissottomettija fil-ġranet li ġejjin.

29.3.10 Saret laqgħa bejn is-Sindku u rappreżentati tal-kumpannija *Green Pack*, fejn gew diskussi żewġ punti:

29.3.10.1 Il-kumpannija *Green Pack* offrew li jħallsu għal installazzjoni, dawl u konnessjoni ta' CCTV fejn l-iskips fi Triq Grunju. Il-Kunsill Lokali ser ikun qed iħallas biex tinxtara it-tieni CCTV, peress li *Green Pack* is-soltu jinstallaw *camera* waħda. Dawn iż-żewġ *cameras* ser ikunu konnessi direttament mal-LESA. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg qajjem il-punt li bil-liġi rridu nagħmlu tabella biex tinforma lin-nies li z-zona tinsab taħt sorvelljanza. Il-Kunsill kollu qabel li jsiru t-tabelli.

29.3.10.2 Tqajjem ukoll il-punt li, peress li ż-żewġ settijiet ta' *waste separation bins* tal-metall ġew sponsorjati mill-*Green Pack,* dawn tal-aħħar talbu li fuq l-istickers li sejrin isiru jiżdiedu il-kliem "*Sponsored by green Pack*". Il-Kunsill qabel ma dan.

29.3.12 Is-Sindku informa lill-Kunsill li d-dwal tal-fanali fi Gnien il-Familja ġew imsewwija u mibdula fejn kien hemm bżonn.

29.3.13 Is-Sindku informa lill-Kunsill li ġie mitlub jimla' Questionaire mir-Reġjun Għawdex, liema dokument wera li l-Kunsill Lokali tal-Qala kien jinsab kwazi fil-qiegħ tal-lista ta' Kunsilli li għamlu użu minn fondi Ewropej. Stqarr li xħin ra din l-informazzjoni staħa jibgħat lura dan il-questionaire, u li bħala Kunsill għandna lkoll naħdmu biex niġbdu iktar fondi lejn raħalna.

**29.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

29.4.1 Il-Kunsillier Karl Buttigieg semma fanal li mhux jixgħel, fi Triq il-Belvedere. Semma wkoll is-*Central Strip* ta' Triq il-Belvedere li tinsab fi stat perikoluż. Is-Sindku wieġeb li ilu żmien jiġri wara l-kuntrattur biex isewwi din is-*Central Strip*.

29.4.2 Il-Kunsillier Karl Buttigieg informa lill-Kunsill għaddew aktar minn 6 xhur minn mindu tħabbar li kella terġa ssir mill-Ministeru għal Għawdex. Staqsa ikunx opportun nikkomunikaw mall-Ministeru dwar dan, anke għaliex hu irċieva ħafna ilmenti dwar din it-triq. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser ikun qiegħed jibgħat email dwar dan.

29.4.3 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai semma li inġema' ħafna trab fi Triq il-Wileġ. Is-Sindku irrapporta li dak inhar stess hu ha lill-kennies tal-Kunsill Lokali fil-post biex ġabar dan it-trab.

29.4.4 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg talab li ssir komunikazzjoni mal-bord li evalwa t-tender tal-Urban Greening project (vide 29.2.1). L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed jikkomunika mal-Board fil-ġranet li ġejjin.

*Kunsill Lokali – Qala – Local Council*
*Ċentru Ċiviku*
*Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala*
*Tel: 21552555 Fax: 21553232*
*Email: qala.lc@gov.mt*

QALA

## 29.5 Aġġornament fuq il-Board tal-Governanza

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li għadda id-dokumenti mitluba minnu waqt laqgħa numru 28 lill-Avukat Dr Mario Scerri nhar it-Tlieta 9 ta' Marzu. Il-Viċi Sindku Ivan Cefai semma li d-*deadline* għat-tweġiba kien fl-10 ta' Marzu, u li l-istess Avukat irid jgħaddi draft tar-risposta lill-Kunsill qabel ma jissottomettiha lill-Board ta' Governanza. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser ikun qiegħed jikkomunika ma Dr Scerri f'dan ir-rigward.

## 29.6 Proġett Ambjental Reġjun

Is-Sindku informa lill-Kunsill li r-Reġjun Għawdex għandhom €12,000 disponibbli għal proġett li jrid ikun relatat ma ambjent, u stieden lill-Kunsilliera biex jagħmlu *brainstorming* u jressqu quddiem il-kunsill idejat għal inizjattivi.

## 29.7 Skema Kultura mir-Reġjun

Is-Sindku qal li r-Reġjun baqagħlu fondi ta' €1,000,000. Ġew allokati €10,000 għal kull raħal biex issir attività, per eżempju fi żmien il-festa. Teżisti kundizzjoni waħda biss, li din l-attività ma tistax issir għal "Jum il-Lokalità". Din l-attività trid issir sas-sena 2022 jew 2023, u għalhekk is-Sindku talab lill-Kunsilliera biex jaħsbu ftit fuqa u jressqu 'l quddiem l-idejat tagħhom. Bħall-iskemi l-oħra, l-Kunsill ikun irid japplika u jinforma lir-reġjun fuq xiex dawn il-flus ser jintefqu.

## 29.8 "Wall Mural" għaċ-Ċentru Ċiviku

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li ġie avviċinat mis-Sa. Lisa Formosa bl-idea li jsir *Wall Mural* barra mis-Sala tal-Komunità. Dan ix-xogħol hu propost li jinkludi xeni li għandhom x'jaqsmu mar-raħal tal-Qala. Ġie maqbul li jitfitxu stimi biex il-Kunsill jifhem xi spejjez huma meħtieġa għal inizjattiva bħal din.

## 29.9 Laqgħa mal-Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar

Is-Sindku semma li r-Reġjun irċieva ħafna sapport dwar il-pożizzjoni li ħa dwar l-ambjent u l-iżvilupp ġewwa Għawdex. Din il-pressjoni wasslet biex l-Onor. Ministru Aaron Farrugia u ċ-Chairman tal-PA jaċċettaw li jiltaqgħu mar-reġjun għall-bidu ta' April. Is-Sindku stieden lill-Kunsilliera biex jibgħatulu email bi proposti dwar suġġetti li jixtiequ li jitqajmu f'din il-laqgħa.

Issemma bħala eżempju ta' suġġett li jista' jitqajjem f'din il-laqgħa kien li l-pjan lokali jsir id f'id ma il-Kunsilli Lokali, u mhux minn wara darhom.

Issemmew ukoll il-barrieri li hawn fil-Qala, u l-kontribuzzjoni li huma obbligati jħallsu lill-PA. Minflok dan il-pagament, kumpannija minnhom għamlet parti minn Triq Andar ix-Xagħri bi qbil mal-Kunsill Lokali. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg issuġġerixxa li bħala Kunsill naraw li t-Tieni kumpannija ukoll tagħti il-parti tagħha.

**29.10 Hruġ tat-tielet *Tender* għal Trakk tal-Kunsill Lokali**

Is-Sindku ppropona li l-Kunsil Lokali joħroġ, għat-tielet darba, it-*Tender* għal trakk. Minn tagħrif mogħti lis-Sindku, jidher li fit-tieni *tender* ma kienux saru offerti minħabba li trakkijiet right *hand drive* bħal ma jinstaqu ġo pajjiżna jiġu impurtati mill-Ingilterra; u fi żmien il-ħruġ tat-*tender* kienet teżisti inċertezza fost id-*dealers* marbuta ma *Brexit*. Issa li dan is-suġġett ġie ċċarat, jidher li issa hemm ċans li jsiru offerti. Il-Kunsill qabel li għalhekk jibda x-xogħol ħalli dan it-*tender* jerġa' jinħareġ.

**29.11 Pożizzjoni tal-Kunsill Lokali dawr l-Applikazzjoni għal Żvilupp PA1129/21**

Is-Sindku semma li tressqet applikazzjoni quddiem il-PA bin-numru 1129/21, fejn jidher li parti minn din l-applikazzjoni tinsab f'*Outside Development Zone (ODZ)*. Wara li talab parir mingħand l-Avukat Dr Claire Bonello, din tal-aħħar issuġġeriet lis-Sindku li għandha ssir oġġezzjoni. Il-Kunsill Lokali ddiskuta din l-applikazzjoni u ntlaħaq qbil biex, b'konsistenza anke ma oġġezzjonijiet li għamel il-Kunsill Lokali fl-imgħoddi kull fejn kien hemm applikazzjonijiet fuq ODZ, anke fil-każ ta' l-applikazzjoni 1129/21 nirreġistraw oġġezzjoni.

**29.12 Materji Amministrattivi**

29.12.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv irrapporta lill-Kunsill li, meta dahal fl-Uffiċċju tas-Segretarju Eżekuttiv għall-ewwel darba, sab iktar minn 670 email mhux moqrija, u żewġ PCs vojta. Dan ifisser li fuq dawn il-PCs ma nstabux "working files" bħalma huma per eżempju "calculations" ta' pagi, "templates" ta' dokumenti li jintużaw ta' spiss, eċċ. Id-dokumenti li nstabu jmorru lura għal numru ta' snin u ma jistgħux jitqiesu għall-operat ta' kuljum tal-Kunsill. Id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali ġie mgħarraf b'dan. F'dan l-isfond, kien importanti ix-xogħol ta' *file indexing* li sar mill-istudenti (vide 29.3.2) għax għenu biex isib saqajħ iżjed malajr. Ħa l-okkażjoni biex iroddilom ħajr lil dawn l-istudenti tal-ħidma tagħhom.

29.12.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li billi l-uffiċċju tiegħu kien prattikament vakanti għal perjodu ta' żmien; il-Kunsill waqa' lura fil-pagamenti għal madwar tliet xhur. Iżjed 'il quddiem f'din il-laqgħa ser jiġu ppreżentati żewġ *Schedules of Payments* biex jiġu ssetiljati kontijiet li kellhom x'jaqsmu mas-sena 2020. Barra minn hekk, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera dwar il-possibilità li tissejjaħ laqgħa urġenti fil-ġimgħat li ġejjin ħalli jitħallsu iżjed kontijiet. Il-Kunsilliera qablu ma dan.

29.12.3 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera li meta beda jaħdem mal-Kunsill Lokali ħass li l-ħaddiema kienu qisom qed jaħdmu fi klima ta' biżà. Kienu jaħsbuwa darbtejn biex jidħlu fl-uffiċċju tiegħu, u kull meta jaraw il-bieb tal-uffuċċju tiegħu miftuh, awtomatikament kienu jmorru jagħlquh mingħajr ma jaħsbuwa darbtejn. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qasam il-fehma tiegħu mal-Kunsill li din it-tip ta' tensjoni fost il-ħaddiema ma kienetx xi ħaġa mentalment *healthy*. Barra minn hekk, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li hu fix-xogħol tiegħu

dejjem ipprattika "open door policy", u kompla b'dan l-istil anke meta ġie jaħdem mal-Kunsill Lokali tal-Qala. Dan ifisser li l-bieb tiegħu huwa miftuh għal kulħadd, u stieden lill-Kunsilliera biex ma jiddejqux javiċinawh kull fejn iħossu l-ħtieġa. Il-ħaddiema qiegħdin jidraw dan il-mod ta' kif jaħdem hu, u xtaq iroddilhom ħajr pubblikament tal-għajnuna li qed isib mingħandhom.

29.12.4 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv irrapporta li sab kont tal-ARMS li jammonta għal aktar minn €4,000 fuq Ġnien il-Familja, u li anke kien hemm twissija li jekk ma jsirx pagament ħa jinqata' s-servizz f'dan il-post. Wissa lill-Kunsill li jkun ksur tar-regolamenti finanzjarji li jsir pagament fin-nuqqas tal-invoices, u li l-opinjoni tiegħu hi li bilfors teżisti xi raġuni biex tħalla kont bħal dan jinġema'. Għalhekk kien qiegħed jipprova jikkuntattja lis-Segretarja Ezekuttiva. Id-Dipartiment tawħ parir biex komunikazzjoni bħal din issir bil-iktub, u għalhekk bagħat lis-Segretarja Eżekuttiva diversi emails, imma sa kien għadu bla tweġiba.

29.12.5 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill Lokali li meta daħal fil-Kunsill hu sab tliet printers ma jaħdmux, u li l-PCs kienu qed jipprintjaw permezz ta' *ink jet* printer li ma kienx ekonomiku. Għalhekk ħaseb biex iġib erbgha (4) kwotazzjonijiet għal żewġ tipi diversi ta' "3 in 1 printers". L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ipprepara *printer yield cost analysis* li ppreżentaha lill-Kunsill. Din l-analiżi indikat li printers tat-tip "Epson Eco Tank", għalkemm jitolbu *purchase cost* ogħla, għandhom *running costs* irħas li, mifruxa fuq medda ta' snin jirriżultaw aktar ekonomiċi minn "ink jet printers". Żewġ kumpanniji ppreżentaw kwotazzjoni għal printer ta' dan it-tip: Il-Kunsill unanimament qabel li jaċċetta l-kwotazzjoni ta' Future Tech.

29.12.6 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv irrapporta li meta daħal fil-Kunsill ġie nfurmat li flus miġbura minn permessi u kontravenzjonijiet qed jiġu ddepożitati bejn wieħed u ieħor darba fix-xahar, u dan bi ksur tal-*General Financila Regulations* (SL601.01, para 35).

29.12.6.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li għalkemm Direttiva 5/2020 maħruġa mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali toffri iżed flessibilità lill-Kunsilli f'dan ir-rigward, xorta waħda jħoss li depożitu wieħed fix-xahar huwa ftit wisq. Il-Kunsill qabel li jsiru depożiti bankarji aktar ta' spiss.

29.12.6.2 Fuq l-istess suġġett, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv irrapporta li l-flus qed jinżammu go "money box" tul il-lejl, u li l-Kunsill ma għandux "safe". Ippreżenta tliet kwotazzjonijiet għal "wall safe". Il-Kunsill iddeċieda li jaċċetta unanimament l-kwotazzjoni ta' Reno's Ironmongery.

29.12.7 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv talab lill-Kunsill jikkunsidra li *jinxtraw paper towel dispenser* u *gyser* żgħir, minħabba li t-toilet użat mill-ħaddiema tal-Kunsill hu nieqes minn dawn il-ħtiġijiet ta' iġjene bażiċi. Il-Kunsill unanimament qabel ma dan.

29.12.8 Ġew ppreżentati żewġ kwotazzjonijiet mingħand John Paul Cefai, biex isiru żewġ *network racks* fl-uffiċċju tas-Segretarju Eżekuttiv u l-*kitchenette*, bil-għan li jsir *cable management* meħtieġ f'dawn iż-żewġ postijiet. Il-Viċi Sindku Ivan Cefai iddikjara li l-parentela tiegħu mal-istess John Paul Cefai ma toħloqlux kunflitt ta' ineterss.

Peress li d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali qed jagħmel *upgrading* tan-network, il-Kunsill qabel jaċċetta l-kwotazzjoni għal *network rack* tal-Uffuċċju tas-Segretarju Eżekuttiv bil-għan li x-xogħol meħtieġ isir mill-aktar fis u hekk jiġi evitat xogħol u spejjeż doppji.

Il-Kunsill qabel ukoll fuq il-ħtieġa li jinġabru il-cables li hemm fis-sala fejn jiltaqa' l-Kunsill Lokali li tinsab bi swit il-Kitchenette; biex tingħata dehra aktar xierqa lill-post. Fl-istess ħin laqa' s-suġġeriment tal-Agent Segretarju Eżekuttiv li peress li ma hemmx urġenza għal dan ix-xogħol, jiġu mfittxa aktar kwotazzjonijiet għal dik tal-Kitchenette.

29.12.9 Ġiet diskussa is-sitwazjoni preżenti dwar l-imxija tal-COVID-19, fejn l-aħħar cirkulari mid-Dipartiment iħeġġu għal remote working, dejjem mingħajr ma jiġi mfixkel l-operat u s-servizz offrut mill-Kunsill.

29.12.9.1 Għal dan l-għan, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv ta' il-laptop tal-Kunsill lill-iskrivana Rose Anne Azzopardi biex, meta l-ħaddiem tas-CWS ikun jista' jibdilha fl-uffiċċju, din tkun tista' tmur taħdem mid-dar. Il-Kunsill qabel unanimament ma dan.

29.12.9.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippropona li, bħala miżura *short term,* l-Kunsill jippromwovi "exact change payments" għal servizzi u permessi maħruġa mill-Kunsill, biex kemm jista' jkun jiġi limitat l-ammont ta' flus li jibdel idejn. Waqt li l-Kunsill Lokali jagħraf li dil-ħaġa mhix dejjem tkun possibbli, intlaħaq qbil li kemm jista' jkun nippromwovu "Exact change".

Bħala miżura *medium term,* l-Aġent Segretarju Eżekuttiv issuġġerixxa li l-Kunsill jibda' jistudja l-possibilita' li pagamenti lill-Kunsill Lokali jibdew isiru permess ta' *Electronic Point of Sale (EPOS),* kemm biex jitnaqqsi l-flus li jibdlu l-idejn, kif ukoll biex jonqos l-ammont ta' *Cash* fil-*Premises* tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill qabel li din il-possibilita' tiġi studjata iktar fid-dettall.

29.12.9.3 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv talab permess mingħand il-Kunsill Lokali biex jibda' jfittex kwotazzjonijiet għal *laptop* biex jintuża minnu, peress li tiegħu taħ lill-iskrivana. Il-Kunsill qabel ma dan.

**29.13 Korrispondenzi**

29.13.1 Ġiet trattata talba mingħand Otters ASC dwar attività ta' jumejn fis-Sajf ġewwa l-bajja ta' Ħondoq ir-Rummien; bil-għan li tigi promossa attivita' fiżika u l-isport

tal-*Waterpolo*. Għal din l-attività set jigi nstallat "pitch" temporanju bid-dimensjoni ta' 15m twil b' 10m wiesa. Il-Kunsill qabel li jaċċetta din it-talba bil-kundizzjoni li jkun involut fl-għażla tas-sit fejn ħa jitpoġġa il-"pitch" temporanju.

29.13.2 Ġie tattat ilemnt dwar l-istat ta' ndafa fil-latrina li hemm fi Triq it-28 ta' April 1688. Is-Sindku informa lill-Kunsill li kellu laqgħa mal-mexxejja tal-Community Worker Scheme skedata għas-16 ta' Marzu, u li dan l-ilment se jkun qed jiġi diskuss magħhom.

29.13.3 Il-Kunsill ġie nfurmat li saritlu talba minn għalliema li tgħallem il-*Patchwork* mat-taqsima tal-*Lifelong Learning*. Dawn il-lezzjonijiet kienu jsiru Għajnsielem imma ġiet infurmata li l-lezzjonijiet ma setgħux ikomplu jsiru minħabba l-ispazju ristrett u l-imxija tal-COVID-19. Peress li dawn it-tip ta' attivitajiet issa ġew ristretti fuq skala nazzjonali; il-Kunsill qabel li meta jerġgħu jonqsu ir-restrizzjonijiet joffri is-Sala tal-Komunità għal dan it-tagħlim, dejjem b'ħarsien sħiħ mad-direttivi li jinħarġu mill-awtoritajiet.

29.13.4 Ġiet trattata korrispondenza mingħand Kerygma li fiha l-Kunsill ġie mitlub jipproponi lil xi ħadd għal Żgħażugħ tas-Sena. Il-Kunsill qabel unanimament li jinnomina lil Cyrel Buttigieg li joqgħod fi Triq it-28 ta' April 1688.

**29.14 Materji Oħrajn**

29.14.1 Is-Sindku rrapprota li daħal rapport il-Kunsill li l-Iskips fi triq Grunju ma kellomx atendant magħhom, f'ħin li suppost kien hemm ħaddiem tal-Kunsill.

29.14.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-Kunsill li wara l-laqgħa 29 (Jannar 2021) hu informa lit-Taqsima tal-Kultura, u lil Joseph Farrugia bid-dati li hemm ippjanati għall-Qala International Folk Festival.

29.14.3 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-Kunsill li s-Sur Emanuel Agius, li jaħdem mal-Kunsill, talab permess biex japplika ħalli jestendi il-ħidma tiegħu għal sena oħra peress li fil-futur qarib ser ikun qed jilħaq l-età tal-irtirar. Il-Kunsill qabel unanimament ma dan.

29.14.4 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill Lokali li l-iskrivana kellha numru ta' siegħat *Vacation Leave* minn tas-sena 2020 li ma utilizzatx; u talab il-permess lill-Kunsill biex ikun jista' japprova li 45 siegħa jiżdiedulha mal-allokazzjoni tal-leave għas-sena 2021. Il-Kunsill Lokali unanimament qabel ma dan.

29.14.5 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv irrapporta li fil-Mużew tal-Folk kien hemm diversi bozoz bil-ħsara, kif ukoll li is-CCTV ma kienx qed jaħdem. Il-Kunsill qabel li tintalab stima għal dawn it-tiswijiet.

29.14.6 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak innutat li l-Parking box tal-Kumpannija GoTo fi Pjazza Isqof M.Buttigieg ma tantx qiegħda tiġi użara, u dan fl-istess waqt li

żvilupp fil-viċin kien qiegħed jagħmel pressjoni fuq ir-residenti minħabba l-parkeġġ limitat fiz-zona. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak ipproponiet li jinstab post alternattiv għall-parkeġġ tal-kumpannija GoTo. Il-Kunsill qabel unanimament li jiġi propost lill-kumpannija GoTo biex tikkunsidra parkeġġ ġdid fil-Pjazza ewlenija, qrib il-Ġenerator tal-Knisja.

29.14.17 Is-Sindku irrimarka li l-*upholstery* tas-siġġijiet fil-Kunsill Lokali qed juru sinjali ta' żmien, u talab permess lill-Kunsill biex nibdew infittxu kwotazzjonijiet għal *upholstering* ġdid għas-siġġijiet. Il-Kunsill qabel unanimament ma din it-talba.

**29.15 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti**

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ppreżenta l-ikedi ta' pagamenti bir-referenza numru SP 01/2021 u SP 02/2021; li tagħhom kien għadda kopja lill-Kunsilliera permezz ta' *email*. Spjega li SP 01/2021 kienet tiġbor kontijiet datati 2020, waqt li SP 02/2021 kellha kontijiet li jġibu d-data ta' din is-sena (2021) imma li kienu għal servizzi jew prodotti mogħtija fis-sena 2020. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv semma li dawn il-pagamenti nħarġu fuq żewġ skedi separati biex ikun iffaċilitat il-process finanzjarju ta' tmiem is-sena (*financial year end*). Il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni sabiex jitħallsu l-kontijiet imniżżla f'dawn l-iskedi u għalhekk dawn ġew approvati unanimament.

**29.16 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fid-8:45 ta' filgħaxija u laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Ħamis, 8 ta' April 2021 fis-5:00pm.

Paul Buttigieg
Sindku

Lorne Cremona
Aġent Segretarju Eżekuttiv